# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' KLASSI** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

## Taqsima A

**(20 marka)**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.**

1. Min kien is-saċerdot Malti li qaleb il-Bibbja kollha għall-Malti mil-lingwi oriġinali?

______________________________

2. X'inhi l-Kolleġġjalità fil-Knisja?

______________________________

3. Għaliex m'għandniex nemmnu fl-oroskopju?

______________________________

4. Għid għaliex il-fanatiżmu jġib il-ħsara.

______________________________

5. Semmi żewġ persunaġġi importanti fl-istorja tas-Salvazzjoni.

______________________________

6. Semmi żewġ firdiet li jġib miegħu d-dnub.

______________________________

7. X'kien il-Patt li Alla għamel mal-Poplu tiegħu fl-Antik Testment?

______________________________

8. X'inhi 'l-Ispirazzjoni'?

______________________________

9. F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu r-rakkont tal-ħolqien?

______________________________

10. Liema hi l-akbar ġrajja li nsibu fil-ktieb tal-Eżodu?

______________________________

## Taqsima B

**(10 marki)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Il-Ħadd huwa Jum il-Mulej. Ikteb **żewġ** dmirijiet tan-Nisrani f'dan il-Jum.

______________________________

______________________________

______________________________

*(5 marki)*

2. Kif għandek twieġeb għar-rigal tal-Fidi li tak Alla?

___

___

___

*(5 marki)*

## Taqsima Ċ **(20 marka)**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**L-Aħħar Ċena**

U wasal jum l-Ażżmi, il-jum li fih kien ikollhom jissagrifikaw il-ħaruf ta' l-Għid. Ġesù bagħat lil Pietru u 'l Ġwanni u qalilhom: "Morru ħejjulna l-ikla ta' l-Għid ħalli nieklu l-ħaruf." "Fejn tridna nħejjulek l-ikla?" qalulu. Ġesù weġibhom: "Morru l-belt u tiltaqgħu ma' raġel iġorr ġarra ilma; għidulu: "Qallek l-Imgħallem: Is-siegħa tiegħi waslet; jien se nagħmel l-ikla ta' l-Għid għandek mad-dixxipli tiegħi."

Id-dixxipli għamlu kif ordnalhom Ġesù u ħejjew l-ikla ta' l-Għid. Għall-ħin ta' filgħaxija qagħad fuq il-mejda flimkien mat-Tnax u Ġesù qalilhom: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla ta' l-Għid magħkom qabel ma nbati! Għaliex, ngħidilkom, din l-ikla m'iniex se nagħmilha iżjed sa ma tkun seħħet għal kollox fis-Saltna t'Alla."

Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi." Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt il-ġdid li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet; agħmlu dan kull meta tixorbu b'tifkira tiegħi."

**(Mibnija mir-rakkonti ta' l-Aħħar Ċena f'Mt 26, 17-29 / Mk 14, 12-25 / 1 Kor 11, 23-25)**

1. Għid għaliex l-Aħħar Ċena kienet ġrajja importanti għal Ġesù.

___

___

___

___(4 marki)

2. Ġesù ordna lill-Appostli biex jagħmlu dak li għamel Hu b'tifkira tiegħu. Illum din ix-xewqa ta' Ġesù kif qiegħda sseħħ?

___

___(2 marki)

3. Il-Ħaruf kien is-sagrifiċċju tal-Patt il-Qadim. Liema hu s-Sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid?

___

___(2 marki)

4. Għid għaliex Ġesù għażel ikla biex jagħmel Patt ġdid mal-bnedmin.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________(4 marki)

5. Għid kif Ġesù hu preżenti fl-Ewkaristija.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________(4 marki)

6. Kif għandek tieħu sehem fil-Quddiesa biex tiswielek ta' ġid? (Ikteb mhux inqas minn 5 linji)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________(4 marki)

## Taqsima D (20 marka)

**Kompli dawn is-sentenzi kif taħseb l-aħjar.**

1. Ir-reliġjon tiswa għax ______________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (6 marki)

2. Żewġ reliġjonijiet mhux insara huma

____________________________ ____________________________

(4 marki)

3. Is-superstizzjoni nistgħu nsejħulha ______________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (4 marki)

4. Charles de Foucauld waqqaf __________________________________________________

________________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (2 marki)

5. Fl-Antik Testment hemm __________________ ktieb. (2 marki)

6. Fit-Testment il-Ġdid hemm __________________ ktieb. (2 marki)

## Taqsima E (15-il marka)

Aqra sewwa dawn il-punti tal-messaġġ reliġjuż li nsibu fir-rakkont tal-ħolqien u wieġeb għall-mistoqsijiet li jiġu wara fuq karta separata.

1. **Alla ħalaq kollox tajjeb mingħajr ebda dell ta' ħażen.**
   a. Fisser din is-sentenza. (5 marki)
   b. La darba Alla ħalaq kollox tajjeb, minn fejn ġejjin il-ħażen u t-tbatija? (5 marki)

2. **Alla ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu u l-quċċata tal-ħolqien.**
   Fisser din is-sentenza. (5 marki)

## Taqsima F (15-il marka)

Agħżel **WAĦDA** mill-mistoqsijiet 1, 2 jew 3 u wieġeb fit-tul fuq karta separata.

1. ***Ġesù huwa bniedem u fl-istess ħin Alla.***
   a. Agħti **żewġ** eżempji mill-ħajja ta' Ġesù li juru li Ġesù hu tassew bniedem.
   b. Kif nafu li Ġesù hu Alla wkoll? Ikteb **żewġ** ġrajjiet minn ħajtu biex turi dan.
   ċ. X'għandek tagħmel biex tgħix kif jixtieqek Ġesù? Agħti **żewġ** eżempji.
   (Ikteb mhux inqas minn 10 linji) (15-il marka)

2. ***Bis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (il-Qrar) aħna nagħmlu paċi ma' Alla u ma' xulxin.***
   a. Ikteb **żewġ** ġrajjiet fejn Ġesù laqa' u ħafer lill-midinbin.
   (is-sejħa ta' Levi, Żakkew il-pubblikan, il-mara li nqabdet fl-adulterju u oħrajn)
   b. Ikteb dwar **erba'** kondizzjonijiet meħtieġa biex il-Qrar tagħna jiswielna ta' ġid.
   (15-il marka)

3. ***Il-Bibbja hija l-Kelma t'Alla fi kliem il-bniedem.***
a. Għid għaliex l-Insara jemmnu li l-Bibbja hija l-Kelma t'Alla.
b. X'sehem kellhom l-awturi tal-Bibbja fil-kitba tagħha?
ċ. Għid kif il-Bibbja tgħinna biex ngħixu ħajja tajba. (15-il marka)